MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 36/2003

**Medserv Limited.**

**-vs-**

**Kummissarju Tal-Artijiet.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-14 ta' Jannar, 2003 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' tmienja u erbgħin elf, mitejn u disgħa u disgħin Lira Maltija u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm48,299.52) ħlas dovut lis-soċjeta' attriċi bħala rimbors ta' salarji mħallsa lill-impjegati tas-soċjeta' attriċi li kienu *seconded* mal-konvenut;

Illi dan id-dejn huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur ta' l-Artikolu 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), inkluż illi l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti għal din it-talba;

Illi l-konvenut debitament interpellat sabiex iħallas baqa' inadempjenti;

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tas-soċjeta' attriċi, bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini ta' l-Artikolu 167 – 170 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmienja u erbgħin elf mitejn u disgħa u disgħin Lira Maltija u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm48,299.52).

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-1 ta' Lulju, 2002 u bl-imgħax kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' attriċi maħlufa, u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Frar, 2003 li permezz tiegħu l-konvenut ġie awtorizzat jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut il-Kummissarju ta' l-Artijiet ippreżentata fl-4 ta' Frar, 2003 li permezz tagħha eċepixxa;

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fi dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

2. Illi l-ammont li kien dovut lis-soċjeta’ attriċi, kien sa Jannar 1999, meta l-aħħar impjegata *seconded* mal-konvenut mis-soċjeta’ attriċi, saret impjegata mal-gvern.

3. Illi l-konvenut Kummissarju ta’ l-Artijiet ħallas l-ammont kollu dovut lis-soċjeta’ attriċi, u dan kif kien dovut sa Jannar ta’ l-1999, permezz ta’ tpaċija bejn il-partijiet, ta’ parti mill-arretrati ta’ kera dovuti fuq diversi proprjetajiet mikrija lis-soċjeta’ attriċi mill-attur, u cioe, is-somma ta’ tmienja u erbgħin elf u tliet mija u sbatax il-Lira Maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu (Lm48,317.35).

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali u l-verbali tas-seduti tal-5 ta’ Lulju, 2006 u s-27 ta’ Novembru, 2006 u l-11 ta’ Diċembru, 2006 li permezz tagħhom finalment il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Li s-soċjeta’ attriċi qed titlob il-ħlas ta’ somma li kienet ħallset lil numru ta’ impjegati li kienu sekondati mal-konvenut għal xi żmien. Il-konvenut qed jeċċepixxi t-tpaċija billi qed isostni li l-attur huwa debitur tiegħu f’somma ikbar għal kiri ta’ xi proprjetajiet.

Il-partijiet esebew numru ta’ dokumenti li l-iktar jikkonċernaw ittri skambjati matul iż-żmien qabel bdiet il-kawża. A fol 17 il-konvenut esebixxa kont li jkopri pagamenti dovuti mill-attur li allegatament jibda jiddekorri mill-1992 u jwassal sal-1999. Hemm imbagħad ittra mibgħuta mid-Dipartiment tal-Finanzi lill-attur (fol 18) li pero’ hija *res inter alios acta* għall-attur u

għalhekk ma għandha ebda rilenza għall-każ. F'ittra a fol 21 datata 23 ta' Ottubru, 2002 in risposta għal ittra interpellatorja l-konvenut elenka kirjiet li skond hu kienu dovuti mill-istess soċjeta' attriċi. Skond din l-ittra minn Mejju 1997 is-soċjeta' attriċi ma ħallsitx għall-kirjiet in kwistjoni.

Fis-seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003 xehed Vincent Gilson uffiċjal mad-Dipartiment ta' l-Artijiet li qal li; "Kellna nies *on loan* magħna mill-Medserv li dawn spiċċaw, l-aħħar waħda Jannar 1999 u sadattant il-Medserv kellha mikri mingħandna xi proprjetajiet f'Manoel Island. Sat-28 ta' Mejju, 1998 kien b'kirja. Mid-29 ta' Mejju, 1997 ingħataw lill-kumpanija sempilċement b'titolu ta' użu għax kien l-idea li dawn joħorġu u jmorru post ieħor. Allura bħala kera mid-29 ta' Mejju, 1997 ma ċċarġjajna xejn. Sa Mejju 1997 kellhom ituna fuq dan l-*account* mija u ħdax il-elf, sitt mija u tmienja u disgħin Lira Maltin (Lm111,698)."

Meta ġie mistoqsi jekk jafx il-kirja kinitx ġiet terminata fl-1994, qal li ma jafx u ried ifittex u jivverifika. Esebixxa a fol 39 ittra mibgħuta minnu lis-soċjeta' attriċi fejn qalilha li l-ammont dovut mill-konvenut lilha kien se jiġi trasferit fir-*rent section* bħala ħlas akkont. Din hija datata 30 ta' Ottubru, 1998. Fol 40 ġiet esebita ittra oħra mibgħuta fis-16 ta' Ġunju, 1998 fejn kien intalab ħlas għas-somma ta' mija u sebgħa u tletin elf, tlett mija, wieħed u ħamsin Lira Maltin u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm137,351.74) għal dawn il-kirjiet sa Mejju 1997. Da parti tagħha s-soċjeta' attriċi esebiet ittra mibgħuta minnha a fol 46 fejn intalab il-ħlas ta' ċirka ħamsa u erbgħin elf, tlett mija u sbatax il-Lira Maltin (Lm45,317) datata 18 ta' Ġunju, 1998. Meta reġa' ġie mistoqsi dwar it-terminazzjoni tal-kirja a fol 47, ix-xhud Gilson qal li jikkonferma li huma kienu avżaw lis-soċjeta' attriċi li kienu se jitterminaw il-kirja b'effett mill-1 ta' Jannar, 1994.

Is-soċjeta' attriċi ppreżentat affidavit ta' Godwin Catania

impjegat tagħha fis-sezzjoni ta’ l-*accounts*. Dan ċaħad li kien hemm xi ftehim ta’ tpaċija u qal li l-post mikri lilhom kien dilapidat u żgur ma kinux se jaslu f’dan it-tip ta’ ftehim.

Il-kwistjonijiet għalhekk bejn il-partijiet huma iktar ta’ portata legali milli ħaġa oħra. Il-konvenut ma jikkontestax li hu debitru ta’ l-attur għas-somma mitluba pero’ qed jeċċepixxi t-tpaċija. Biex ikun hemm tpaċija a tenur ta’ l-Artikolu 1196 tal-Kaptilu 16 hemm bżonn li ż-żewġ partijiet ikunu debituri ta’ xulxin. Barra minn dan id-dejn irid ikun likwidu u jista’ jintalab; “It-tpaċija tista’ ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma flus, jew kwantita’ determinata ta’ ħwejjeġ tanġibbli ta’ l-istess speċje u li jkunu t-tnejn likwidi u jistgħu jintalbu. (Hydrotechnic S R vs. Spicat JCB Limited – deċiża fil-25 ta’ April, 2001 – Prim’Awla).

Il-Qorti ma taqbilx ma’ dak li qalet is-soċjeta’ attriċi fin-nota tagħha li biex ikun hemm tpaċija irid ikun hemm ammissjoni tad-dejn taż-żewġ partijiet għaliex altrimenti qatt ma jista’ jkun hemm tpaċija fejn hemm vertenza. Madankollu taqbel magħha li fil-każ in eżami, l-ammonti li qed jirreklama l-konvenut ma humiex likwidi. Dan għaliex kif ammetta stess ix-xhud prodott mill-konvenut, il-kirjiet effettivament kienu ġew terminati minu ferm qabel u cioe’ fl-1994. Hija ħasra li ma saritx prova jekk fil-fatt is-soċjeta’ attriċi baqgħetx tokkupa l-fondi in kwistjoni iżda anke jekk kien hekk, l-ammont li seta’ kien dovut mis-soċjeta’ attriċi ma baqax iktar likwidi bħalma kien meta kienet għaddejja l-kirja, iżda *semmai* ammont li kellu jiġi likwidat bħala danni għall-okkupazzjoni llegali li ma hijiex l-istess ħaġa għaliex fil-waqt li l-kera hija miftehma u allura likwida, l-istess ma jistax jingħad għal danni *da liquidarsi*. Stabbilit dan ma hemmx lok li jiġu approfonditi iktar punti legali għaliex jonqos element essenzjali għat-tpaċija.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u fil-waqt li tastejni milli tieħu konjizzjoni ta' l-**

**ewwel talba stante d-digriet fuq imsemmi, tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma mitluba ta' tmienja u erbgħin elf, mitejn u disgħa u disgħin Lira Maltin u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm48,299.52), bl-imgħaxijiet mill-4 ta' Lulju, 2002 data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali msemmija fiċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------